

# ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI Nru 1/2012 TAL-KUMITAT KONĠUNT BEJN L-UE U L-ISVIZZERA

tal-11 ta' Settembru 2012

li jadotta l-liġijiet interni tal-Kumitat Konġunt u li jistabbilixxi grupp ta' ħidma

(2012/716/UE)

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Artikolu 4

## L-aġenda tal-laqgħat

Wara li kkunsidra l-Ftehim konkluż bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera fil-25 ta' Ġunju 2009 dwar is-simplifikazzjoni tal-kontrolli u tal-formalitajiet fir-rigward tat-trasport ta' oġġetti kif ukoll dwar miżuri doganali ta' sigurtà<sup>(1)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 19(4) u (5) tiegħu,

Il-President għandu jfassal l-aġenda provviżorja ta' kull laqgħa. Din għandha tinbagħat lill-Partijiet Kontraenti mhux aktar tard minn 10 ijiem qabel il-bidu tal-laqgħa.

L-aġenda provviżorja għandu jkun fiha l-punti li t-talba biex jiddaħħlu tkun waslet għand il-President almenu 15-il jum qabel il-bidu tal-laqgħa. Id-dokumenti ta' referenza għandhom jaslu għand iż-żewġ Partijiet Kontraenti mill-inqas sebat ijiem qabel il-laqgħa. Dawn il-limiti ta' żmien jistgħu jitqassru f'każ ta' urġenza, dment li ż-żewġ Partijiet Kontraenti jaqblu.

Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta l-aġenda fil-bidu ta' kull laqgħa.

Artikolu 5

## Ir-reklamar

Sakemm ma jintlaħaqx qbil mod ieħor, il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt m'għandhomx ikunu pubbliċi.

Id-deliberazzjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandhom ikunu kunfidenzjali.

Artikolu 6

## Minuti

Wara kull laqgħa, il-President iħejji l-minuti. L-abbozz tal-minuti għandu jingħadda lill-Kumitat Konġunt għall-approvazzjoni. Wara li jiġu adottati, il-minuti għandhom jiġu ffirmati mill-President u tintbagħat kopja lill-Partijiet Kontraenti.

Artikolu 7

## L-adozzjoni tal-istrumenti

Ir-rakkomandazzjonijiet u d-deċiżjonijiet skont it-tifsira tal-Artikolu 21 tal-ftehim għandhom ikunu intestati "rakkommandazzjoni" u "deċiżjoni", segwiti b'numru serjali, bid-data tal-adozzjoni tagħhom u b'deskrizzjoni ġenerali dwar is-suġġett tagħhom. Dawn għandhom jiġu ffirmati mill-President u jiġu kkomunikati lill-Partijiet Kontraenti.

Artikolu 8

## Proċedura bil-miktub

F'każijiet ta' urġenza, id-deċiżjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet jistgħu jiġu adottati permezz tal-proċedura bil-miktub, dment li jagħtu l-kunsens tagħhom għal dan iż-żewġ Partijiet Kontraenti.

FTIEHEM KIF ĠEJ:

## KAPITOLU I

### LIĠIJIET INTERNI

Artikolu 1

#### Kompożizzjoni u presidenza

Il-kumitat konġunt huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Unjoni Ewropea u minn rappreżentanti tal-Konfederazzjoni Svizzera. Il-presidenza tkun alternata bejn il-partijiet kontraenti kull sena kalendarja.

Qabel kull laqgħa, il-President għandu jiġi infurmat dwar min ikun ippjanat li se jieħu sehem fid-delegazzjoni ta' kull parti kontraenti.

Jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu, il-Kumitat Konġunt jista' jistieden esperti għal-laqgħat tiegħu sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifika mitluba.

Artikolu 2

#### Segretarjat

Ix-xogħol tas-segretarjat tal-Kumitat Konġunt jagħmlu l-President. Il-korrispondenza kollha ddestinata għall-Kumitat Konġunt, inklużi talbiet biex jiddaħħlu punti fl-aġenda tal-laqgħat tiegħu, għandha tiġi indirizzata lill-President tiegħu.

Artikolu 3

#### Laqgħat

Ladarba tkun kisbet il-kunsens taż-żewġ Partijiet Kontraenti, il-Presidenza tal-Kumitat Konġunt għandha tistabbilixxi d-data u l-post tal-laqgħat. Il-laqgħat jalternaw bejn Brussell u l-Isvizzera.

(<sup>1</sup>) ĠU L 199, 31.7.2009, p. 24.

*Artikolu 9***Spejjeż**

Kull Parti Kontraenti għandha tħallas l-ispejjeż li jirriżultawha minn sehemha fil-laqqha tal-Kumitat Konġunt.

*Artikolu 10***Lista ta' deċiżuri**

Il-Kumitat Konġunt għandu jistabbilixxi l-lista ta' arbitri anzjani kif mitlub mill-Anness III ta' mal-Ftehim, fi żmien xahrejn mid-deċiżjoni tiegħu li jissottometti każ ta' nuqqas ta' qbil għall-arbitraġġ kif previst fl-Artikolu 29(3) tal-Ftehim.

## KAPITOLU II

**GRUPP TA' ĦIDMA***Artikolu 11***Grupp ta' ħidma dwar il-proċeduri u l-miżuri doganali ta' sigurtà**

Għandu jinholq grupp ta' ħidma bir-responsabbiltà li jassisti lill-Kumitat fit-tweqqif tad-doveri tiegħu fl-oqsma koperti mill-Kapitoli II (proċeduri) u III (miżuri doganali ta' sigurtà) tal-Ftehim.

*Artikolu 12***Ligġiet interni tal-grupp ta' ħidma**

L-Artikoli minn 1 sa 6 u 9 ta' din id-Deċiżjoni għandhom japplikaw mutatis mutandis għal-laqqha tal-grupp ta' ħidma.

*Artikolu 13***Id-dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Settembru 2012.

*Għall-Kumitat konġunt*

*Il-President*

Antonis KASTRISSIANAKIS